MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1021/1985/1

Joseph Attard
vs
Avukat Dottor Tony De Gaetano

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Peress illi, permezz ta’ skrittura privata datata 30 ta’ Settembru 1980 (Dok. A), il-konvenut inkariga lill-attur biex jezegwilu xoghol ta’ “offset printing”;

Peress illi, in basi ta’ din l-iskrittura, il-konvenut obbliga ruhu, inter alia, li jaghti lill-attur tliet mitt (300) plates kbar kull xahar biex jinhadmu fuq “offset duplicator” kbira u mija u tmenin (180) plates zghar kull xahar biex jinhadmu fuq “offset duplicator” zghira;

Peress illi, ghal dan ix-xoghol, l-attur kellu jithallas bil-prezz ta' hamsin (50) centezmu kull plate, kemm jekk din tkun kbira kemm jekk tkun zghira, minbarra somma ta' hames liri Maltin (Lm5) ghal kull mitt (100) plate bhala spejjez;

Peress illi, skond l-istess skrittura, l-attur u l-konvenut ftehmu li wara sena mill-firma tal-kuntratt, wiehed minnhom jew it-tnejn kellhom id-dritt li jinhallu mill-istess ftehim, basta dik il-parti li riedet tinhall jew tibdel il-ftehim kellha tavza lill-parti l-ohra bil-miktub tliet xhur qabel l-gheluq ta' sena mill-ftehim;

Peress illi, permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru 1983 (Dok. B), il-konvenut ta avviz lill-attur li kien se jinhall mill-ftehim;

Peress illi fit-tliet xhur sussegwenti ghal dan l-avviz, il-konvenut ma pprovdiex aktar xoghol lill-attur meta skond il-ftehim kien tenut jibqa' jipprovdi xoghol sa tliet xhur mid-data tal-avviz;

Peress illi l-konvenut, interpellat biex jottempera ruhu mal-obbligi tieghu, baqa' inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tidddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kiser il-ftehim tat-30 ta' Settembru 1980 meta naqas milli jipprovdi xoghol ta' "offset printing" lill-attur fit-tliet xhur sussegwenti ghad-data tal-avviz, u cioe` mis-26 ta' Settembru 1983.

2. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur in segwitu ghall-ksur tal-ftehim da parti tal-konvenut, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-attur dik is-somma dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ipprovda x-xoghol obbligat minnu ta' "offset printing" lill-attur, wara li l-istess attur kien gie moghti avviz mill-konvenut li biha tah in-notice rikjest mill-iskrittura privata datata 30 ta' Settembru 1980, u dan permezz ta' ittra datata tletin ta' Awissu, elf disa' mija, wiehed u tmenin (30 ta' Awissu 1981), li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok. A, flimkien ma' dikjarazzjoni tas-segretarja ta' dak iz-zmien tal-konvenut, dwar il-konferma ta' dan l-avviz;

Illi sekondarjament, kien l-attur li naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-imsemmija skrittura privata datata 30 ta' Settembru 1980, u l-konvenut irriserva li jiftah proceduri ulterjuri kontra l-attur dwar danni sofferti minnu;

Salv eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghall-azzjoni msemmija ghal danni kontra l-istess attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 1985 Dr. Renzo Porsella Flores gie nominat bhala Perit Legali u b'digriet tal-24 ta' Gunju 1998 gie sostitwit b'Dr. Mark Said u fit-30 ta' Jannar 1999 gie sostitwit b'Dr. Joseph M. Ciappara u b'digriet tad-9 ta' Lulju 1999 gie nominat Dr. Paul Gauci Maistre.

**C. PROVI:**

Il-Perit Legali Dr Gauci Maistre ikkonkluda r-rapport Peritali tieghu hekk:
<u>“Konsiderazzjonijiet u Sottomissjonijiet</u>

F’din il-kawza l-attur qieghed jippretendi danni dovuti lilu naxxenti minn ksur ta’ ftehim li sar permezz ta’ skrittura bejn il-partijiet fit-30 ta’ Settembru 1980 (Dok. A a fol 5 tal-process). Dawn l-allegati danni jikkonsistu f’kumpens ghal telf tax-xoghol ta’ offset printing ghal tlett xhur li skond l-attur, il-konvenut kien obbligat li jipprovdilu skond l-iskrittura fuq imsemmija. Il-konvenut minn naha tieghu jsostni li l-ebda danni ma huma dovuti lill-attur ghaliex il-konvenut ipprovda x-xoghol obbligat minnu skond l-istess skrittura. In oltre jsostni l-konvenut, l-attur naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu skond l-istess skrittura u rriserva azzjoni ghad-danni.

L-ewwel kontestazzjoni bejn il-partijiet hija d-data ta’ l-avviz li nghata lill-attur mill-konvenut biex jigi xolt il-ftehim tat-30 ta’ Settembru 1980. Waqt li l-attur jikkontendi li dan l-avviz inghata lilu permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Settembru 1983 liema ittra huwa esebixxa mac-citazzjoni mmarkata bhala Dok B u tinsab a fol 6 tal-process, il-konvenut isostni li dan l-avviz inghata lill-attur minnu permezz ta’ ittra datata 30 ta’ Awissu 1981 liema ittra huwa esebixxa man-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu mmarkata bhala Dok A u tinsab a fol 11 tal-process. Il-klawsoli numru 4 u 5 tal-ftehim tat-30 ta’ Settembru 1980 jghidu:

Art. 4: “wara sena mill-firma tal-kuntratt, wiehed jew iz-zewg partijiet f’dana l-kuntratt ikollhom id-dritt li jinhallu mill-istess kuntratt. Il-parti jew il-partijiet li jridu jinhallu jew ibiddlu l-ftehim ikollhom javzaw lill-parti l-ohra bil-miktub tlett xhur qabel l-gheluq tas-sena mill-ftehim”.

Art. 5: “Il-ftehim jibda jsehh minn Ottubru 1980”.

L-attur jghid illi l-ittra tat-30 ta’ Awissu 1981 waslet ghandu wara li nqalet il-kwistjoni bejnu u bejn il-konvenut, u dan skond l-istess attur peress illi l-konvenut ma segwiex il-ftehim. Jghid illi din l-ittra rceviha f’Settembru 1983 u

cioe` sentejn wara d-data fiha ndikata (ara xhieda dattilografata tieghu pagna numru 3 tas-seduta ta' l-20 ta' Frar 1986). L-attur jghid illi kienet saret laqgha ghal habta ta' Ottubru 1983 qabel ma nfethet il-kawza biex il-partijiet isibu soluzzjoni pero` ma ntlahaqx ftehim. Kien biss wara din il-laqgha li l-konvenut baghat l-ittra tat-30 ta' Awissu 1981 u din intbaghtet lill-konsulent legali tieghu.

L-attur isostni li wara li rceva l-ittra tas-26 ta' Settembru 1983 kien cempillu l-konvenut u ftehmu li ser jibghatlu l-flus, jirtira l-kliem fejn qal li l-attur kien fadallu jaghtih il-karta u li jitkompla x-xoghol. Jghid l-attur illi huwa talab illi dawn it-tliet punti jitnizzlu bil-miktub u l-konvenut accetta. L-attur ircieva ittra datata 7 ta' Ottubru 1983 u li giet esebita u mmarkata bhala Dok Y minnu fis-seduta peritali tat-12 ta' Mejju 1986 u din ma gietx iffirmata minnu peress illi ma kenitx skond il-ftehim li sar fuq it-telefon. Wara din l-ittra l-konvenut baqa' ma ghaddielux xoghol. Sussegwentement, l-attur ircieva ittra ohra datata 28 ta' Ottubru 1983 fejn il-konvenut irrinunzja ghal dik il-parti ta' l-ittra tas-26 ta' Settembru 1983 dwar danni u karta ta' l-offset miz-zmien li tasasllu kopja ta' l-ittra tas-7 ta' Ottubru 1983 iffirmata mill-attur. Din l-ittra giet immarkata bhala Dok Y u giet esebita fl-istess seduta peritali. L-attur ikkonferma li ma kienx iffirma l-ittra tas-7 ta' Ottubru 1983.

Anne Frendo li kienet is-segretarja tal-konvenut taf illi l-konvenut gieli cempel lill-attur u lmenta dwar ix-xoghol hazin u semma okkazzjoni minnhom fejn tant kien irrabjat il-konvenut illi qalilha biex iccempel hi lill-attur ghaliex jekk icempel hu kien ser jispicca hazin. Kellha tghidlu li l-konvenut ma kienx ser jaccetta xoghol iehor u li parti mix-xoghol kellu jirrangah.

Ghar-rigward ta' l-ittra datata 30 ta' Awissu 1981 li dwarha qieghed isostni l-konvenut, ix-xhud ikkonfermat illi din l-ittra kienet ittajpjata minnha u testwalment tghid "nikkonferma li din l-ittra bhal l-ittri kollha kont nimpusthom jien u f'dan il-kaz naf bic-certezza kollha li Attard kien irceviha din l-ittra dak iz-zmien ghal din ir-raguni:
"Dan ghax qabel ma tlaqt minn Dr. De Gaetano, darba fis-sajf stess, cempel Attard fl-ufficcju u staqsa ghal Dr.

DeGaetano li ma kienx l-ufficju dak il-hin. Instema' rrabjat hafna u qalli li issa x-xoghol mhux hazin ghaliex kien ser iwaqqfu mix-xoghol. Staqsejtu ghal x'hiex kien qed jirreferi u qalli li rcieva l-ittra li kienet taghtih in-notice. Jiena spegajtlu li fiha hemm spjegat kollox u li ghal issa kien ser ikompli jimxi kollox l-istess stante li kont naf li kien hemm diga` lest ghal printing ix-xoghol ta' xi tlett xhur…". Dan id-diskors rega' gie kkonfermat minnha meta giet kontro-ezaminata.

Il-konvenut (para. VII ta' l-affidavit tieghu) jghid illi fir-raba' xahar meta beda x-xoghol huwa kien ammonixxa lill-attur minhabba d-dewmien u dan kien accertah li l-affarijiet kienu ser jitrangaw peress illi kien ghamel ftehim ma' certu Giglio li kien printer tajjeb jahdem mal-Progress Press u sar kuntratt iehor liema ftehim jinsab esebit bhala Dok. AFF2. Dan kien ftehim datat 6 ta' Dicembru 1980 u ffirmat mill-konvenut Lewis Pisani u Carmel Giglio. Dan il-ftehim kien fir-rigward tal-plates iz-zghar u l-ammont miftiehem kien ghal 150 plates kull xahar bil-prezz ta' 50c kull plate kif ukoll Lm5 ghal kull mitt plate ghall-ispejjez. Tnizzlet ukoll l-istess klawsola numru 4 tal-ftehim originali tat-30 ta' Settembru 1980 u dan il-ftehim beda jghodd mix-xahar ta' Dicembru 1980.

Il-konvenut sostna illi ma' Giglio ma kellux problemi pero` ma' l-attur xorta kellu l-problemi anke meta kellu l-magni l-kbira biss f'idejh. Ilmenta illi kull darba li l-attur tidhollu bicca xoghol ahjar, kien jittardja fix-xoghol jew jghagglu tant li jigi hazin. Jghid il-konvenut illi l-inkwiet li kellu ma' l-attur kien inkwiet kontinwu u mhux isolat. Jghid (para. XI ta' l-affidavit) illi "meta ma stajtx nissaporti iktar xoghol, dewmien u skuzi ohra, bdejt naghmel find-outs biex nara nsibx lil haddiehor. Mort ghandu d-dar meta gbart xi xoghol fil-25 ta' Frar 1983 u hallejtlu f'idu notice bil-miktub". Din in-notice mmarkat bhala Dok E jghid "I am handing you personally notice that printing will be stopped unless defects in your printing are not remedied. The material that I am collecting will be paid to you in 2 weeks time". Jghid illi hallsu ghal dak ix-xoghol u ghaddielu xoghol aktar ta' tlett xhur fl-ammont ta' Lm498.80. Il-konvenut sostna li l-attur kien cempillu biex ikompli jaghtih

ix-xoghol u ftehmu fuq it-telefon illi jaghtih aktar xoghol jekk ikollu bzonn u accetta li jirrinunzja ghal claim tad-danni u s-serq u hallsu Lm60 li kien il-bilanc li kien ikkolkola li kellu jhallsu. Ma sema' xejn aktar sa sena wara meta rcieva ittra bl-avukat tieghu.

Meta gie kontro-ezaminat il-konvenut b'referenza ghall-ittra li baghat lill-attur fit-30 ta' Awissu 1981 jghid illi f'dik l-ittra tah in-notice ta' tlett xhur imma dan ma implimentahiex. Baqa' sejjer ftit inqas minn sentejn u ghalkemm l-attur tah xoghol hazin, hu kien kostrett li jkompli ghax kien marbut ma' l-abbonati. Sostna li din l-ittra waslet ghand l-attur ghaliex tkellmu fuqha u kkonferma illi wara s-26 ta' Settembru 1983 hu ma tahx aktar xoghol. Skond il-konvenut il-kuntratt originali tat-30 ta' Settembru 1980 mmarkat bhala Dok. A ma kienx ghadu vigenti ghaliex fi Frar 1983 kien ta notice lill-attur u baqa' jaghtih xoghol iehor ta' tlett xhur mhux konsekuttiv imma mifurx fuq sitt xhur u kkonkluda billi qal illi l-perjodu tan-notice ta' tlett xhur huwa dak kalendarju imsemmija fl-artikolu 4 tal-ftehim u tah xoghol f''Marzu, April u bejn Gunju u Lulju 1983.

L-esponent jirrileva li hafna prodotti f'din il-kawza u xhieda ferm dettaljata tirrigwarda n-natura u l-kwalita` tax-xoghol, tal-magni u jekk effettivament certu xoghol sarx hazin. Dan, fl-opinjoni ta' l-esponent kien fil-maggor parti kollu hela ta' hin ghaliex huwa rrelevanti ghal kwisjoni principali tal-kaz. Il-mertu ta' din il-kawza mhux jekk ix-xoghol sarx hazin jew le imma jekk l-attur ghandux dritt ta' kumpens f'forma ta' danni ghaliex il-konvenut naqas milli jaghti pre-avviz ghat-terminazzjoni tal-ftehim skond il-klawsola numru 4 tal-ftehim tat-30 ta' Settembru 1980.

Il-partijiet jaqblu li l-ftehim in kwistjoni gie terminat da parti tal-konvenut. Jibqa' ghalhekk il-kwistjoni tad-data meta din it-terminazzjoni nghatat mill-attur lill-konvenut u jekk effettivament wara li nghata dan l-avviz jekk il-konvenut ghamilx dan fit-terminu miftiehem. Hemm qbil ukoll illi wara s-26 ta' Settembru 1983 il-konvenut ma hax aktar xoghol lill-attur. Ghalhekk jirrizultaw tlett dati li ghandhom jigu kkonsidrati u cioe`:

A. 26 ta’ Settembru 1983
B. 30 ta’ Awissu 1981, u
C. 25 ta’ Frar 1983.

A. 26 ta’ Settembru 1983: L-attur jippretendi illi din hija d-data determinanti li permezz ta’ din l-ittra huwa nghata avviz mill-konvenut illi huwa kien ser jinhall mill-ftehim.

B. 30 ta’ Awissu 1981: Il-konvenut eccepixxa illi permezz ta’ ittra li ggib l-istess data huwa ta l-avviz rikjest mill-iskrittura tal-ftehim lill-attur. L-attur jichad li ricieva dan l-avviz u sar jaf biss meta nghata kopja lill-konsulent legali tieghu f’tentattiv ghall-arrangament bonarju qabel ma saret il-kawza. Mix-xhieda tas-segretarja tal-konvenut, Anne Frendo, jirrizulta illi din l-ittra nkitbet minnha stess imma aktar importanti huwa l-fatt illi din giet impustata lill-attur mill-istess Anne Frendo. Inoltre tiftakar li l-attur kien cemplilha irrabjat u kellimha kif ircieva din l-ittra. L-esponent ma jarax ghaliex din ix-xhud ma ghandhiex tigi emmnuta. Jibqa’ l-fatt pero` illi l-konvenut minkejja li baghat din l-ittra tan-notice din l-ittra ma gietx implimentata u dan ghaliex skond l-istess konvenut ma kellux triq ohra ghaliex kien marbut ma’ l-abbonati. Il-kliem uzat mill-konvenut f’din l-ittra huwa car u jaghmel referenza ghal ftehim originali. Il-konvenut ukoll ipprotega ruhu ghal dak li seta’ jinqala’ kif fil-fatt inqala’ aktar ‘il quddiem. Fl-opinjoni ta’ l-esponent pero` ma jarax illi hija haga sewwa illi wiehed izomm ferm id-drittijiet tieghu u fl-istess hin ikompli jinqeda semplicement ghall-esigenzi tieghu. Ftehim huwa bejn zewg partijiet u l-buona fede hija importanti. Jidher illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi jinghata ‘a second chance’ u hekk jidher li gara ghaliex il-kwistjoni regghet qamet circa sentejn wara. Ghalhekk fl-opinjoni ta’ l-esponent l-ittra tal-konvenut tat-30 ta’ Awissu 1981 li ghaliha saret referenza fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistax wahedha fic-cirkostanzi ta’ kif svolgew ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet tigi kkunsidrata bhala n-notice rikjest skond il-ftehim originali.

C. 25 ta' Frar 1983: Permezz ta' din l-ittra l-konvenut ta avviz iehor lill-attur illi huwa ma kienx ser jaghtih aktar xoghol jekk l-attur ma jirrangax id-difetti fix-xoghol. Dan l-avviz inghata personalment mill-konvenut. Mhux korrett l-attur meta jghid illi l-ewwel ittra li rcieva kienet dik tas-26 ta' Settembru 1983 la darba dik imsemmija qabel giet ikkonsenjata personalment mill-konvenut meta mar jigbor ix-xoghol. Minkejja dan, xorta baqa' jsir xoghol sas-26 ta' Settembru 1983 u l-attur thallas tieghu.

Tenut ic-cirkostanzi u l-fatturi ta' kif svolgew ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet l-esponent huwa tal-fehma illi l-ftehim originali tat-30 ta' Settembru 1980 inbidel u dana anke in vista tal-fatt illi gie ffirmat ftehim iehor fis-6 ta' Dicembru 1980 ghal dak li jirrigwarda l-plate iz-zghir. Ftehim, li ghalkemm ma kienx parti ghalih l-attur, kien jikkomprendi l-istess kondizzjonijiet biex jigi terminat. Kif diga` sar accenn aktar qabel, ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet svolgew b'tali mod li nholoq "modus vivendi" bejn il-partijiet li sa certu punt jidher illi t-tnejn osservaw u ghalhekk kien ta' beneficcju ghaz-zewg nahat sakemm inkisru r-relazzjonijiet ghal kollox fis-26 ta' Settembru 1983 meta ma sarx aktar xoghol.

Jigi relevat illi fil-kamp tal-kummerc din mhux xi sitwazzjoni rari imma pjuttost komuni specjalment fejn jidhlu entraprizi zghar bhal kaz prezenti. L-esponent jissottometti illi din il-pendenza messet solviet ruhha barra l-ambitu tal-Qorti. Jidher illi sar sforz pero` inutilment u jista' jkun dan ghaliex il-kontendenti kienu inflessibbli. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-attur inghata notice darbtejn mill-konvenut illi huwa kien ser jittermina l-ftehim. Dawn l-avvizi kienu bil-miktub. Fin-nuqqas ta' prova kontrarja (ghalkemm l-attur sostna illi dawn ma rcevewhiex qabel il-kawza pero` mill-provi jirrizulta xorta ohra) l-esponent jissottometti illi permezz ta' dawn l-avvizi l-ftehim gie terminat u l-attur baqa' jircievi xoghol minghand il-konvenut ghal perjodu bizzejjed biex jissodisfa t-tlett xhur avviz li kellu jaghti l-istess konvenut. Jidher illi l-konvenut permezz tal-ittra datata 30 ta' Awissu 1981 ha hsieb ikopri ruhu pero` fl-umli opinjoni ta' l-

esponent kienet l-ittra sussegwenti tal-25 ta' Frar 1983 li wasslitu biex tikkonvincieh illi t-talbiet ta' l-attur fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma ghandhomx jigu milqugha.

Fl-ahhar nett l-esponent jirrakkomanda illi ghandu jkun hemm temperament fl-ispejjez in vista tac-cirkostanzi tal-kaz kif spjegat aktar 'il fuq.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda skrittura privata li saret bejn il-konvenut Dr. Tony De Gaetano u l-attur, Joseph Attard, fit-30 ta' Settembru 1980, fejn Dr. De Gaetano inkariga lil Attard biex jaghmel xoghol ta' "offset printing". L-attur qieghed jippretendi danni dovuti lilu naxxenti minn ksur ta' dan il-ftehim. Il-konvenut minn naha tieghu jsostni li l-ebda danni ma huma dovuti lill-attur ghaliex hu pprovda x-xoghol obbligat minnu skond l-istess skrittura. Izda l-mertu ta' din il-kawza mhux jekk ix-xoghol sarx hazin jew le imma jekk l-attur ghandux dritt ta' kumpens f'forma ta' danni ghaliex possibilment il-konvenut naqas milli jaghti pre-avviz ghat-terminazzjoni tal-ftehim skond il-klawsola numru 4 tal-ftehim tat-30 ta' Settembru 1980.

Il-partijiet kienu obbligati jonoraw il-ftehim matul l-ewwel sena tieghu u biex jieqfu minn dan l-obbligu wiehed minnhom kellu javza lill-parti l-ohra tliet xhur qabel tiskadi s-sena. Jekk dan ma jsirx tacitament kien qieghed jigi rinnovat ghal sena ohra. Izda l-konvenut wara li fit-30 ta' Awissu 1981 ta avviz bil-miktub lill-attur li kien ser jittermina l-ftehim ma wettaqx l-intendiment tieghu ghax kompla miexi bil-ftehim. Huwa fatt li kien il-konvenut li ttermina l-kuntratt izda dwar din l-ewwel terminazzjoni meta l-konvenut rega' kompla l-kuntratt awtomatikament annulla l-effetti ta' tali talba. Ukoll l-agir tal-konvenut ma jistax jitqies bhala riserva indefinittiva tat-terminazzjoni tal-ftehim. Ghalhekk kien jinkombi fuq il-konvenut li mill-gdid jaghti avviz iehor tat-terminazzjoni tal-kuntratt. Rega' kien hemm espressjoni tal-intendiment tal-konvenut li jittermina l-kuntratt u dan sar fil-25 ta' Frar 1983 fejn permezz ta' din l-ittra l-konvenut ta avviz iehor lill-attur li mhux ser jaghtih aktar xoghol jekk l-attur ma jirrangax id-difetti fix-xoghol. L-ittra li kopja taghha tinsab a fol 15 tal-process tghid dan

il-kliem: “I am handing you personally notice that printing will be stopped unless defects in your printing are not remedied…”. Huwa car ghalhekk li ghalkemm il-konvenut qieghed b’ certu mod jittermina, tali terminazzjoni hija kundizzjonata bil-kelma “unless” u ghalhekk f’ dak l-istadju anqas necessarjament twassal ghal terminazzjoni finali sakemm ma javverax ruhu dak li gie kundizzjonat u cioe` li d-difetti “are not remedied”. Izda minn dak li jirrizulta mid-depozizzjonijiet moghtija jidher li n-nuqqas ta’ ftehim bejn il-partijiet kompla ghaddej u ghalhekk avverat ruhha l-kundizzjoni li kien ghamel il-konvenut. Dan ifisser li gie moghti mill-kovenut l-avviz tat-terminazzjoni. L-abili difensur tal-attur ta interpretazzjoni differenti ta’ din is-sezzjoni izda din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak espress fin-nota. L-ewwel nett l-intenzjoni tat-terminazzjoni maghmula fl-1981 giet totalment imhassra permezz ta’ dak li gara in segwitu waqt li l-ittra tal-1983 ma tistax titqies bl-istess mod ghax fil-fatt il-pozizzjoni qatt ma setghet terga’ titqies bhala tkomplija tal-kuntratt fis-sens li dan rega’ gie mgedded. Ukoll l-interpretazzjoni gusta hi li jekk xi parti riedet twaqqaf il-kontinwazzjoni tal-avviz din kellha tliet xhur qabel ma jiskadi lk-kuntratt kif prolungat minn sena ghal sena tavza lill-parti l-ohra. Tali avviz sar permezz tal-ittra kundizzjonata ghalkemm sar xhur qabel u mhux biss tliet xhur qabel. Jirrizulta wkoll li l-konvenut baqa’ jissupplixxi x-xoghol kif pattiwt sa kwazi l-ahhar zmenijiet tat-terminazzjoni tal-kuntratt. Izda hawnhekk bil-fors il-Qorti tghaddi l-kumment li kien ikun ahjar li kieku l-konvenut kien aktar esplicitu f’ dak li ghamel u dan qed jinghad ghall-fini tal-kap tal-ispejjez. Fl-ahharnett il-Qorti tixtieq tirrileva dak li jirrizulta precizament imsemmi fic-citazzjoni u cioe` l-paragrafu: “Peress illi fit-tliet xhur sussegwenti ghal dan l-avviz, il-konvenut ma pprovdiex aktar xoghol lill-attur meta skond il-ftehim kien tenut jibqa’ jipprovdi xoghol sa tliet xhur mid-data tal-avviz.” Il-Qorti tirrileva li rigward dawk it-tliet xhur il-kuntratt kien principalment skada u l-Qorti trid toqghod fit-termini ta’ dak imsemmi fic-citazzjoni.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut b’ dan li ma tqisx l-ittra tad-data tal-31 ta’ Awissu 1981 bhala l-avviz rikjest izda l-ittra sussegwenti ta’ Frar 1983.
Spejjez erba’ partijiet minn hamsa (4/5) ghall-attur u parti minn hamsa (1/5) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------